MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.

## ANTONIO MICALLEF TRIGONA

Seduta ta' l-4 ta' Lulju, 2014

Numru 620/2014

Il-Pulizija

(Spettur James Grech u Spettur Jason Francis Sultana)

vs

Carmelo Cornelius Camilleri.

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet kontra l-imputat ta' karta ta' identita' numru 459191(m) akkuzat talli fit-03 ta' Lulju 2014 ghal habta tal-23.00hrs gewwa Triq San Pawl Tas-Sliema;

i. bil-hsieb li jaghmel delitt ta' serq, wera dan il-hsieb b'atti esterni u ta bidi ghall esekuzzjoni tad-delitt liema delitt ma giex esegwit minhabba xi haga accidentali u indipendenti mill-volonta tieghu, liema serq, kieku sar kien ikun ikkwalifikat bil-Mezz, bil-Hin u kif ukoll bil-Valur;

ii. u aktar talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi, volontarjament hassar, ghamel hsara jew gharraq hwejjeg haddiehor, mobbli jew immobbli, liema hsara tammonta ghal anqas minn € 116.47 ghad-detriment ta’ Andra-Camelia Llasi u / jew ta’ persuna / persuni u / jew entita jew entitajiet ohra;

Rat l-atti u d-dokumenti kollha;

Semghat lill-imputat mal-presentata jammetti l-akkuzi f’liema ammissjoni baqa’ jinsisti anke wara li l-Qorti taghtu hin jikkonsidra;

Stante din l-ammissjoni volontarja u inkondizzjonata tal-imputat, tiddikjarah  u ssibu hati tal-akkuzi migjuba kontra tieghu;

Rat l-Artikolu 41 (a), 261 (b)(c)(f), 263(a), 264(1), 270, 267, 278 (2)(3), 325 u 17 Tal-Kap 9.

Tilliberah bl-applikazzjoni tal-Artikolu 22 tal-Kap 446 ghal sentejn.

Il-Qorti spjegat lill-imputat ir-responsabilitajiet tieghu skond is-sentenza.

## < Sentenza Finali >

--------------------------------TMIEM--------------------------------